# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 04

Data tal-laqgħa: 3 ta' Settembru, 2019

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 3 ta' Settembru 2019 fis-6.00p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| | |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-6.15p.m. billi ntqalet it-talba.

**04/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**04/01/01** Ma kienx hemm.

**04/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 03**

**04/02/01** Kien hemm korrezzjoni fil-Minuta **Para 03/05/64:** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li jsir kuntatt mal-Ministru għal Edukazzjoni u x-Xogħol biex nieħdu parti mill-ġnien ta' wara l-kamra li tinsab biswit l-iskola Primarja. Dan sabiex il-kamra tkun tista' tintuża bħala librerija kif ukoll għal servizzi soċjali oħra, u jiżdied sular ieħor. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**04/02/02** **Para 03/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bieraħ saret laqgħa mal-kennies u ħriġna l-ewwel twissija.

**04/02/03** **Para 03/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bieraħ ħarġet Direttiva 3/2019 dwar Contracts Managers.

**04/02/04** **Para 03/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tiġbor kwotazzjonijiet għal kiri ta' van għal Kunsill.

**04/02/05** **Para 03/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew risposta mill-MTA rigward meta l-latrini pubbliċi ser jgħaddu għandhom. Barra minn hekk, ħa niktbu lis-Sur Mario Fava.

**04/02/06** **Para 03/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li 4 *cigarette bins* għal ħdejn il-każini ġew ordnati. Barra minn hekk, Tan-Nanna restaurant biss jixtieq *cigarette bin* ħdejn ir-restaurant tiegħu.

**04/02/07** **Para 03/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta ma ssibx oġġezzjoni sabiex Triq l-Oratorju tiġi bil-parkeġġ fuq iż-żewġ naħat basta ma jiġux ostakolati l-garaxxijiet.

**04/02/08** **Para 03/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta ma ssibx oġġezzjoni biex Triq Ferdinandu tiġi *one-way* u tabella ġiet ordnata.

**04/02/09** **Para 03/02/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-laqgħa mal-Kumitat tal-Għargħur FC għadha ma saretx u li ħa terġa' tagħmel kuntatt ma' Sur Mark Pullicino.

**04/02/10** **Para 03/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tabelli li jridu jitwaħħlu fi Triq il-Ġnien int u ġej mill-Madliena Village sabiex is-sewwieqa jnaqqsu l-veloċità ġew ordnati.

**04/02/11** **Para 03/02/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li laqgħa' mal-uffiċjali ta' Transport Malta fuq it-talba biex Triq San Nikola tiġi *one-way* saret u qed nistennew risposta mingħandhom.

**04/02/12** **Para 03/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li x-xogħol fuq il-ħajt tas-sejjieħ fi Sqaq ix-Xgħajrat sar.

**04/02/13** **Para 03/02/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *double yellow line* fi Triq Żagħruna k/m Triq Wieħed u Tletin ta' Marzu sar.

**04/02/14** **Para 03/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *flexible bollards* għal ħdejn 110 Triq San Ġwann ġew ordnati.

**04/02/15** **Para 03/02/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*junction box* ta' mal-ġenb tal-knisja ħa ssir din il-ġimgħa.

**04/02/16** **Para 03/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta ma ssibx oġġezzjoni sabiex isiru żewġ *motorcycle bays* quddiem bieb fi Triq il-Kbira li minnu jgħaddu 50 familja.

**04/02/17** **Para 03/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li STOP *signs* għat-Triq Vendome ġew ordnati.

**04/02/18** **Para 03/02/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*junction box* ta' quddiem *gate* ta' għalqa fi Triq Mons. Luigi Catania għada ma saritx.

**04/02/19** **Para 03/02/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħaddiem mir-Reġjun Tramuntana lesta *refreshing* ta' toroq kollha minbarra ta' Xwieki.

**04/02/20** **Para 03/02/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dalwaqt ser jibda xogħol fuq il-bankina ta' Triq San Bartilmew (in-naħa t'isfel).

**04/02/21** **Para 03/02/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew risposta minn Transport Malta qabel ma jsiru l-*parking bays* fil-pjazzetta tal-*housing estate* ta' Xwieki.

**04/02/22** **Para 03/02/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħaddiema tagħna ħa jpoġġu l-*information panel* tal-Pjazza qrib il-monument.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**04/02/23** **Para 03/02/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġew ordnati żewġ *information panels* waħda għal ħdejn il-kappella ta' San Ġwann u l-oħra għal ħdejn il-kappella ta' Santa Marija taż-Żellieqa.

**04/02/24** **Para 03/02/32:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta ma approvatx li jsiru *flexible bollards* fejn għalqa fi Triq l-Indipendenza. Is-Sur Carl Grech ssuġġerixxa li jsir kuntatt ma' sid l-għalqa. Kien hemm qbil unanimu.

**04/02/25** **Para 03/02/33:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Abraham Aquilina qed jaħdem fuq il-*heritage trail*.

**04/02/26** **Para 03/02/35:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet l-*litter bin* għal Triq Mons L. Catania k/m Triq Għaxqet l-Għajn qiegħed il-Kunsill u ħa jeħel dalwaqt.

**04/02/27** **Para 03/02/36:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed niġbru l-istimi biex il-gandott ta' Triq il-Ġnien jiġi kopert.

**04/02/28** **Para 03/02/37:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li żewġ *rubber humps* fi Triq l-Isqof Gargallo saru issa jonqos li jeħlu t-tabelli.

**04/02/29** **Para 03/02/38:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fix-xahar ta' Ottubru ħa nixgħelu t-Torri tas-Semaforu roża biex infakkru *Pink October*.

**04/02/30** **Para 03/02/39:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fil-ġimgħat li ġejjin ħa naħdmu fuq l-*October Fest*.

**04/02/31** **Para 03/02/40:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kien hemm applikazzjoni waħda għall-post ta' Ambaxxatur / Ambaxxatriċi ta' Żgħażagħ. Ġie deċiż li Sur Isaac Paul Aquilina ser ikun l-Ambaxxatur ta' Ħal Għargħur. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

**04/02/32** **Para 03/03/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għadu ma sarx id-*double yellow line* faċċata ta' garaxx fi Triq San Ġwann, biex ir-resident ikun jista' joħroġ bil-van mill-garaxx.

**04/02/33** **Para 03/03/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għadhom ma sarux iż-żewġ *parking bays* ħdejn il-ħanut Happy Tree fi Triq Mons Luigi Catania.

**04/02/34** **Para 03/03/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fi Triq Santa Katerina ħa jerġgħu jsiru s-sinjali kif kienu qabel.

**04/02/35** **Para 03/03/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li diversi Kunsilli Lokali qed joffru servizz ta' TukTuk b'kollaborazzjoni mal-Ministeru għal anzjani. Ġie deċiż li nitolbu laqgħa mal-Ministru.

**04/02/36** **Para 03/03/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew risposta minn Transport Malta fuq issuġġeriment li jsiru 3 *sleeping police* fi Triq il-Ġnien.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**04/02/37** **Para 03/05/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-proposti għal Fondi għall-inizjattivi Kulturali / Soċjali mill-Fondi tal-LESA għandhom ikunu sottomessi lill-AKL sa nofsinhar tal-Ħamis, 31 t' Ottubru 2019.

**04/02/38** **Para 03/05/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għas-Sessjoni ta' Taħriġ għall-Membri Eletti ħa jattendu s-Sindku u Sur Abraham Aquilina.

**04/02/39** **Para 03/05/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*water culvert* fi Sqaq il-Warda ħa jsir dalwaqt.

**04/02/40** **Para 03/05/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għal-Laqgħa mas-Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi 28/08/2019 attendew is-Sindku, il-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**04/02/41** **Para 03/05/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *dog bin* fi Triq l-Oratorju sar.

**04/02/42** **Para 03/05/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*sleeping police* ta' Triq Santa Katerina ordnata.

**04/02/43** **Para 03/05/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ktibna lil Transport Malta fuq it-talba għal *double yellow line* fejn il-garaxx ta' dar 'Our Nest' fi Triq Karmnu Zarb.

**04/02/44** **Para 03/05/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet l-*bin* għal Xwieki *Housing Estate* qiegħed il-Kunsill u ħa jeħel dalwaqt.

**04/02/45** **Para 03/05/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *double yellow line* ta' ħdejn il-*garages* ta' St Joseph Flats fi Triq il-Qiegħed sar.

**04/02/46** **Para 03/05/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *double yellow line* fi Triq Emmanuel Perren sar.

**04/02/47** **Para 03/05/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ntbagħtet l-ittra ta' oġġezzjoni fuq il-permess PA/02713/19 [Site at, Triq San Gwann, Gharghur, Construction of basement store, 2 maisonettes and 2 duplex apartments].

**04/02/48** **Para 03/05/33:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kuntrattur ħa jirranġa l-kaxxa safra fi Triq San Ġwann għax ma hemmx 1m fuq kull naħa u l-bqija tiġi kaxxa tal-mutur.

**04/02/49** **Para 03/05/34:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għamlet kuntatt mal-kuntrattur li għamel ħsara fil-bankina fi Vjal ir-Repubblika biex jirranġa malajr kemm jista' jkun.

**04/02/50** **Para 03/05/35:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kaxxa safra li trid tiġi bajda ħdejn 'The Village' fi Vjal ir-Repubblika għadha ma saritx.

**04/02/51** **Para 03/05/36:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *bus stop* fi Triq San Ġwann faċċata ta' Joe's Garage suppost dalwaqt jitpoġġa.

**04/02/52** **Para 03/05/37:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ħaddiem Fredu Cuschieri fil-ġimgħat li ġejjin ħa jibda jixkatla u jiżbogħ il-bankijiet ta' Ġnien il-Paċi.

**04/02/53** **Para 03/05/38:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tabella *do not obstruct* fuq *pole* ġo sqaq ħdejn Busietta Gardens, it-tabella ġdida *No entry* ħdejn Francia's Clip & Dye Salon u tabella *No heavy vehicles* f'Triq l-Oratorju ġew ordnati.

**04/02/54** **Para 03/05/39:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *bicycle rack* għal ħdejn it-*telephone box* f'Misraħ il-Knisja ħa ssir mill-Muzzan.

**04/02/55** **Para 03/05/40:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew risposta mill-GO p.l.c. biex flok it-*telephone* li hemm ġo *telephone box* inpoġġu AED Automated External Defibrillator u fuq barra ssir tabella AED *Automated External Defibrillator inside*.

**04/02/56** **Para 03/05/41:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew il-*Works Order Quotation* mingħand id-District Office biex isiru *bollards* f'toroq prinċipali u fuqhom ikun hemm tabella li turi li triq magħluqa. Ġie deċiż li jsiru wkoll *bollards* ħdejn Galea Mini Market u ħdejn l-ATM. Kien hemm qbil unanimu.

**04/02/57** **Para 03/05/42:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ktibna lil Transport Malta biex issir sistema ta' ġestjoni tat-traffiku fi Xwieki.

**04/02/58** **Para 03/05/43:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qtugħ ta' ħaxix fi Triq in-Naxxar sar.

**04/02/59** **Para 03/05/44:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ktibna lil Transport Malta sabiex Triq San Bartilmew l-biċċa t'isfel tiġi *one-way* jiġifieri l-karozzi jinżlu l-isfel.

**04/02/60** **Para 03/05/45:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rridu niġbru l-informazzjoni mingħand 'The Grow 10 Trees Project' għat-tabelli li ħa jitpoġġew qrib is-siġar li ħawwlu fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**04/02/61** **Para 03/05/46:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li laqgħa mal-Onor. Dr Clifton Grima rigward il-ground ta' Xwieki saret u għaliha attendew is-Sindku, il-Viċi Sindku, is-Sur Christopher Fenech u s-Segretarju Eżekuttiv. Skont Dr Grima Sport Malta bdiet proċeduri legali dwar il-kwistjoni.

**04/02/62** **Para 03/05/49:** Is-Sur Carl Grech qal li ma nistawx nġibu ħaddiem mill-Cleansing and Maintenance Division, għaldaqstant, ġie deċiż li ngħidu lis-Sur Frans Bezzina sabiex jibda jaħdem tliet darbiet fil-ġimgħa. Is-Sur Christopher Fenech issuġġerixxa li s-Sur Bezzina jibda jiknes id-dawra tal-knisja, Triq l-Oratorju, Triq Karmnu Zarb, Vjal ir-Repubblika, Triq Stiefnu Zerafa, Triq San Ġwann (ħdejn Galea Mini Market u l-latrina), Triq San Bartilmew u Triq San Nikola.

**04/02/63** **Para 03/05/51:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħsara fit-*traffic lights* ta' Triq tal-Balal tranġat.

**04/02/64** **Para 03/05/53:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħsara fil-*manholes* ta' Sqaq Warda k/m Triq Katerina Sammut tranġat.

**04/02/65** **Para 03/05/55:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *Boat Party* ta' qabel il-festa ma sarx.

**04/02/66** **Para 03/05/56:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-linja li rridu mmexxu ta' fejn jistennew il-karozzi għat-*Traffic Lights* ta' Triq il-Ġnien għadha ma saritx.

**04/02/67** **Para 03/05/59:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-skema għal iżvilupp lokali u tnaqqis ta' faqar fil-komunitajiet qeda għaż-żoni urbani biss.

**04/02/68** **Para 03/05/60:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-membri ta' Sotto Kumitat Qasam Soċjali huma: Is-Sa Marilena Hassan (Chairperson), is-Sa Mimi Bezzina Wettinger (Segretarja), is-Sa Carmen Fenech (Membru), is-Sa Lourdes Borg (Membru), is-Sa Mary Aquilina (Membru), is-Sa Grace Spiteri (Membru), is-Sa Maria Dolores Zarb (Membru) u s-Sa Joanne Abela (Membru). Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

**04/02/69** **Para 03/05/64:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill talab lil Onor Dr Clifton Grima biex nieħdu parti mill-ġnien ta' wara l-kamra li tinsab biswit l-iskola Primarja. Dan sabiex il-kamra tkun tista' tintuża bħala librerija kif ukoll għal servizzi soċjali oħra, u jiżdied sular ieħor.

**04/02/70** **Para 03/05/65:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li f'Ottubru ser isiru lezzjonijiet tal-Pilates u Aerobics.

**04/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**04/03/01** Is-Sindku qalet li ta' Puttinu ser jorganizzaw Puttinu's Bingo nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Settembru ġewwa l-Marsa Sports Complex (11:00am – 3:00pm) u ssuġġerit li niprovdu transport. Is-Sa Marilena Hassan ħa tieħu ħsieb tinforma lil membri ta' Sotto Kumitat Qasam Soċjali. Kien hemm qbil unanimu.

**04/03/02** Is-Sindku qalet li filgħodu fi Triq Santa Katerina (ħdejn tal-VRT u l-Mechanic) qiegħed ikun hemm hemm konfużjoni sħiħa u talbet li ninformaw lil LESA u l-Pulizija. Is-Sur Christopher Fenech qal li jekk ma jsir xejn nibagħtu ittra-e lil Ministru. Kien hemm qbil unanimu.

**04/03/03** Is-Sindku qalet li hemm bżonn li jsir *bus shelter* fi Triq ix-Xwieki. Kien hemm qbil unanimu li niktbu lil Infrastructure Malta.

**04/03/04** Is-Sindku qalet li hi flimkien ma' Sur Christopher Fenech ħarġu bil-proposta li fil-Ground ta' Xwieki jkun hemm: *parking* taħt l-art, ġibjun taħt l-art, *running track* ma' dawra, *skate park, playhouse* għat-tfal iż-żgħar, *open space, open library,* bankijiet, lampi u fence fost l-oħrajn. Kien hemm qbil unanimu.

**04/03/05** Is-Sindku qalet li hi flimkien ma' Sur Christopher Fenech iddiskutew li hemm bżonn jinbidel is-*safety flooring* ta' Ġnien il-Paċi u sabiex ikun hemm bandla għat-tfal iż-żgħar u *playhouse*. Kien hemm qbil unanimu.

**04/03/06** Is-Sindku qalet li hemm bzonn li kemm il-kennies kif ukoll tal-scammel jagħmlu xogħolhom sew u mhux iħallu l-boroż 'l hemm u 'l hawn. Is-Sur Christopher Fenech qal li ta' spiss l-kennies iħalli l-boroż warajh u tal-scammel igeddes il-boroż f'diversi toroq. Is-SE ħa tkellimhom.

**04/03/07** Is-Sindku qalet li għal October Fest tixtieq li jkun hemm diversi bars, bands, stalls tal-ikel eċċ. Hi qalet li ħa niltaqgħu biex niddiskutu l-attività iktar fid-dettal.

**04/03/08** Is-Sindku qalet li ġie deċiż li l-aħjar proposta miz-zewg skemi tal-gbir tal-iskart separat kienet tal-GreenPak Coop Society. Il-Kunsill qabel unanimament.

**04/03/09** Is-Sindku qalet li Segretarju Eżekuttiv qed taħdem fuq it-*tenders* l-aktar urġenti.

**04/03/10** Is-Sindku qalet li kienet saret oġġezzjoni mill-Kunsill preċedenti fuq ir-Razzett ta' Sinna fi Triq in-Naxxar. Ir-resident qal lis-Sindku, li hemmhekk diġà hemm tant kmamar, arloġġ ta' dawl kif ukoll arloġġ tal-ilma u li għalhekk il-liġi tagħtih, il-permess ma nħariġx minħabba l-oġġezzjoni mill-Kunsill. Is-Sur Carl Grech qal li f'ċertu każijiet il-liġi tagħti permess għal estensjoni tal-kmamar u li jekk se nneħħu l-oġġezzjoni ħa noħolqu preċedent. Is-Sur Christopher Fenech qal li għandna nimxu ma' kulħadd l-istess u li l-nżommu l-*policy* li noġġezzjonaw meta xi ħadd japplika għal permess fl-ODZ. Il-Kunsill qabel unanimament.

**04/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**04/04/01** Ma kienx hemm.

**04/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**04/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-AKL - Cir AKL 2019/078 Reġistrazzjoni teambuilding 05/10/19. Din l-attività ser issir nhar is-Sibt 5 t'Ottubru ġewwa l-Belt Valletta.

**04/05/02** Il-Kunsill irċieva proposta minn The Notebook Centre fejn huma qed joffru lil kull resident fil-Għargħur dawn is-servizzi (*General servicing*, Tindif tas-sistema, Re-Formatting, Tneħħija ta' *virus* u *free antivirus software*) għal kompjuter personali u laptops. Dan is-servizz jiswa €1000 mingħajr VAT u se jkun validu għal sena. Il-Kunsill qabel unanimament.

**04/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 7 ta' Awwissu 2019).

**04/05/04** Il-Kunsill irċieva informazzjoni fuq il-programm Piż Tajjeb Tul Ħajtek.

**04/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 14 ta' Awwissu 2019).

**04/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mill-ENEMALTA – *Proposed replacement of overhead lines by underground cable at Sqaq il-Qiegħed Għargħur* (Quote: 300/19 – supply and install €7,436.00). Il-Kunsill talab laqgħa mal-ENEMALTA.

**04/05/07** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Direttur – Komunikat dwar tibdil fil-kulur taż-Żebgħa tal-art ta' Pelican Pedestrian Crossings u Zebra Pedestrian Crossings.

**04/05/08** Il-Kunsill irċieva minn Transport Malta – Rapport rigward 1.5 Keep Clear Bay / Reserved Parking Bay ħdejn 2, Alley 3, Triq Mons Luigi Catania, Għargħur (Ref: 6790).

**04/05/09** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 21 ta' Awwissu 2019).

**04/05/10** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Planning Authority – PA/03566/19 – *Notification of Completion of DPA Report and Meeting Date.*

**04/05/11** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Planning Authority – PC146/18 (*Alignment*).

**04/05/12** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa Julie Auerbach – *Broken Drain Pipe Village Square*.

**04/05/13** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa Lianne Mifsud – Cir AKL 2019/093 Social Media (li titratta l-media soċjali imħadma mill-Kunsilli Lokali). Il-Kunsill innomina lis-Sa Marilena Hassan sabiex tattendi għal *focus groups, training seminars, workshops* eċċ.

**04/05/14** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Planning Authority – PA/02713/19 – *Notification of Rescheduling of Sitting.*

**04/05/15** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-MEUSAC – *EU Funding Opportunities*. Ġie deċiż li nitolbu laqgħa magħhom.

**04/05/16** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 28 ta' Awwissu 2019).

**04/05/17** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sa Emma Azzopardi – *Request to place foldable bollards in Triq Katerina Sammut.* Ġie deċiż li ssir *site-visit*.

**04/05/18** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Direttur - Direttiva 3/2019 – Contracts Manager. Dan is-servizz għandu jibda jopera mill-aktar fis possibbli wara li jkunu saru l-proċessi kollha skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (L.S. 174.04) u l-Linji Gwida dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali iżda mhux aktar tard mit-Tlieta, 31 ta' Diċembru 2019.

**04/05/19** Fuq it-talba għal *double yellow line* fi Triq Mattia Preti n-naħa tal-garaxxijiet. Il-Kunsill qabel li jagħmel kuntatt mar-residenta għal kjarifika.

**04/05/20** Fuq it-talba għal *double yellow line* fi Triq E. Perren faċċata tal-garaxx tar-resident. Il-Kunsill qabel unanimament.

**04/05/21** Fuq it-talba sabiex it-tabelli ta' Triq minn 'St Bartholomew Street' jiġu 'Triq San Bartilmew'. Il-Kunsill qabel unanimament.

**04/05/22** Fuq it-talba għal bozza ġdida fi Triq iċ-Ċawl. Il-Kunsill qabel unanimament.

**04/05/23** Fuq it-talba biex Triq Għaxqet l-Għajn tiġi pedestrian miż-żewġ naħat minħabba li qegħdin isuqu bl-addoċċ. Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li hemm id-djar.

**04/05/24** Fuq it-talba għal tabella ta' Motor Cycle taħt il-bankina fi Triq l-Oratorju għax qed jipparkjaw il-karozzi fuq il-*parking* tal-MC. Il-Kunsill qabel unanimament.

**04/05/25** Fuq it-talba għal *bollards* tal-*plastic* fejn hemm id-*double yellow lines* fi Triq l-Indipendenza. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**04/05/26** Fuq it-talba biex jiġi *Bus Stop* qrib 'The Village Store' fi Triq Caravaggio. Il-Kunsill qabel li niktbu lil Transport Malta.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**04/05/27** Fuq it-talba għal mera fi Sqaq ix-Xgħajrat. Il-Kunsill qabel unanimament.

**04/05/28** Fuq it-talba biex isir *line* fin-nofs ta' Triq Mons Luigi Catania k/m Triq San Ġwann. Il-Kunsill qabel unanimament.

**04/05/29** Is-Sur Carl Grech qal li hemm bżonn nixtru *perspex* għal fuq ir-*reception desk* tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

**04/05/30** Is-Sur Christopher Fenech qal li hemm bżonn isir *key code door* fil-kuritur t'isfel u biex tinbidel waħda mis-sellaturi tal-bieb tal-uffiċċju. Il-Kunsill qabel unanimament.

**04/05/31** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li fi Triq E. Perren isiru żewġ *bollards* flok iż-żewġ *pots* u l-*pots* jitpoġġew fi Ġnien il-Paċi. Il-Kunsill qabel unanimament.

**04/05/32** Is-Sur Christopher Fenech qal li fi Ġnien il-Paċi hemm erba' fanali li mhux jaħdmu għax hemm ħsara fil-*wire*. Is-SE ħa tagħmel kuntatt mal-elettriċista.

**04/05/33** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li jsir bank tal-ħadid fil-Ġnien ta' Żagħruna. Il-Kunsill qabel unanimament.

**04/05/34** Is-Sur Christopher Fench qal li kif tibda l-iskola nitolbu laqgħa mal-Kap tal-iskola tal-Għargħur. Il-Kunsill qabel unanimament.

**04/05/35** Is-Sur Christopher Fench qal li hemm bżonn nordnaw tabella ġdida u kkulurita għal Ġnien il-Paċi 'Kunsill Lokali Għargħur, ĠNIEN IL-PAĊI HU TIEGĦEK, ĦU ĦSIEBU BIEX TGAWDIH'. Il-Kunsill qabel unanimament.

**04/05/36** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li jibda t-tindif tal-*culverts*. Il-Kunsill qabel unanimament.

**04/05/37** Is-Sur Abraham Aquilina qal li residenta li toqgħod fi Triq F. Zarb qeda titlob permess biex issir mera ma' kanna, faċċata tar-residenza tagħha. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni diment li jaċċetta s-sid.

**04/05/38** Is-Sur Christopher Fenech spjega li mhux vera li l-pjanti tal-Pjazza triplaw iżda naqsu tnejn, inżabbru u ħa nagħmlu ż-żrar. Il-Kunsill qabel unanimament.

**04/05/39** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li jerġaw jeħlu ż-żewġ *billboards*. Il-Kunsill qabel unanimament.

**04/05/40** IS-SE qalet li AKL qed tiġbor donazzjoni mill-Kunsilliera u/jew staff b'risq l-Malta Community Chest Fund. Il- Kunsilliera flimkien ma' SE ħa jieħdu sehem f'din l-inizjattiva.

**04/05/41** IS-SE fakkret li ħa ssir *Cleanup* fi Triq Għaxqet l-Għajn nhar is-Sibt, 21 ta' Settembru 2019.

**04/06** **Rapport Finanzjarju tat-Tieni Kwart (April – Ġunju 2019)**

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**04/06/01** Is-Sindku ppreżentat r-rapport finanzjarju għall-perjodu Kwart 2 (April sa Ġunju 2019) u pproponiet l-approvazzjoni tar-rapport kif ippreżentat. Il-Kunsill qabel unanimament.

**04/07 Tfassil ta' programm ta' xogħol għall-ħames snin li ġejja**

**04/07/01** Is-SE qalet li bħalissa l-Kunsill qed ifassal programm ta' xogħol għall-ħames snin li ġejja.

**04/08 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Sotto Kumitati**

**04/08/01** Ma kienx hemm.

**04/09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**04/09/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**04/10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**04/10/01** Il-laqgħa spiċċat fit-8:30p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 24 ta' Settembru 2019 fil-5:00pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**